DIRETTUR: Prof. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.,
34/14, Triq id-Dejqa, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, Hon. D.Lit.,
53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paola.

SEGRETARJU ONORARJU: Godfrey Zarb Adami,
18, St. Christopher Street — Valletta.

*Kull korrispondenza għandha tinbagħat lis-Segretarju Onorarju.*
*All communications should be addressed to the Hon. Secretary.*
*Ogni corrispondenza da spedirsi al Segretarju Onorario.*
*Toute correspondance doit être envoyée au Secrétaire Honoraire.*

---

*Ħlas ta' IL-MALTI: 4/- fis-sena. Ktieb wieħed: 1/-.*
*Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:*
*Victor Apap, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.*

IL-MALTI

QARI LI TOHROG
L-AKKADEMJA TAL-MALTI

ĠUNJU
1966

# GHAQDIET KULTURALI

*Dan l-aħħar kellna ħafna okkażjonijiet li niltaqgħu ma' ħafna għaqdiet kulturali mxerrdin mal-Gżira tagħna, u kellna wkoll il-pjaċir nitkellmu mal-Membri tagħhom. Dawn il-Membri, aktarx kollha żgħażagħ xebbiet u ġuvintur, sibniehom mimlijin ħeġġa u ħerqa biex jagħtu lil Malta xejra ġdida, xejra ta' għerf u tagħlim fost il-kotra.*

*Il-ħsieb ewlieni ta' dawn il-għaqdiet kulturali hu li jgħallmu lill-poplu u jħarrġuh f'dak li hu ta' tagħlim, f'dak li hu ta' fejda, f'dak li hu ta' ġmiel fil-ħajja tiegħu u fid-dinja ta' madwaru. Jekk il-poplu jidra dawn il-ħwejjeġ li jiftħulu moħħu u jagħnuh bid-dehen, hu jkun jista' aktar iqis tajjeb il-kobor tal-ħolqien u jitħenna bil-ġid u l-barka li Alla l-Imbierek xerred fuq din l-art.*

*Għax il-koltura żżejjen lill-bniedem u tagħżlu għalih innifsu; hi tgħollih 'il fuq minn dawk li jibqgħu għafsin u neqsin mill-għerf; hi tiftaħlu moħħu u tagħtih il-mezz li jgħaddi 'l quddiem u jħares 'il fuq; u meta jissedaq fil-koltura, il-bniedem mhux biss jikber fih innifsu, iżda jikseb is-setgħa li jkun jista' jagħmel wisq aktar ġid lil pajjiżu u lil għajru.*

*Dawn il-għaqdiet laqtuna wkoll għax rajna li waħda mill-ewlenin ħidmiet tagħhom hi ta' tagħlim u tixrid tal-istorja ta' pajjiżna. L-istorja hi l-għajn ta' mħabba lejn art twelidna, hi tagħti nifs u ħajja lill-patrijottiżmu, hi tqanqal għall-opri ta' ħila u ta' ġieħ, ta' għożża u ta' mħabba lejn pajjiżna, għalhekk il-ġibda lejn l-istorja jmissha tkun fi ħsieb kull min għandu għal qalbu l-progress tal-poplu, u kull min jixtieq inissel qima u ġieħ lejn art twelidna.*

*Innotajna wkoll li ħafna minn dawn il-għaqdiet qegħdin juru ħrara kbira għat-tixrid tal-letteratura Maltija; difatti bosta minnhom qegħdin jinqdew b'konferenzi, b'konkorsi, b'perjodiċi u b'mezzi oħrajn biex iħeġġu l-qarrejja jixxiegħlu fil-kotba Maltin, u biex jagħmlu ħila lill-kittieba ħalli jinxteħtu aktar bil-qalb għal xogħlijiet f'ilsienna. Din hi ħidma ta' min ifaħħarha għax tiswa biex tirfed u tkabbar u ssaħħaħ il-letteratura tagħna.*

*Il-ħrara u l-ħeġġa taż-żgħażagħ hi rahan ta' sedqa u ta' ġid għall-kitba Maltija fiż-żmien li ġej. F'dawn iż-żgħażagħ hi t-tama tagħna, u din it-tama aktar titqawwa aktar ma tara dawn il-għaqdiet kulturali jissaħħu u jħabirku fil-ħidma fejjieda tagħhom.*